MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tas-16 ta' April, 2010

Numru 98/2009

**Il-Pulizija**

**v.**

**Emanuel Cutajar**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Emanuel Cutajar (bin Lawrence u Grace nee Vella, imwieled fl-14 ta’ Marzu 1953, detentur tal-karta ta’ l-identita` nru 23353G) talli nhar is-17 ta’ Frar 2007 ghall-habta tas-siegha ta’ wara nofs in-nhar bhala persuna illi f’ismu ghandu il-licenzja sabiex jiggestixxi L’Aragosta Bar li jinsab fi Triq ix-Xatt, Marsalforn, Ghawdex (**1**) naqas li jhares xi wahda mid-disposizzjonijiet tal-Att Dwar Servizzi ta’ l-Ivjaggar u tat-Turizmu ghal Malta jew xi kundizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni ohra li ghaliha hija soggetta l-licenzja, billi qieghed jew ippermetta li jitqieghdu mwejjed u siggijiet fuq barra ta’ l-istabbiliment turistiku tieghu u cioe` fuq il-*promenade* ta’ l-istess triq minghajr il-permessi

necessarji mill-awtoritajiet komptetenti, u dana bi ksur tal-Art. 43(1)(b), Kap. 409 u r-reg. 15(1)(2) tal-A.L. 128/2002; talli (**2**) bhala l-persuna licenzjata biex tiggestixxi l-imsemmi hanut, impjega lil ibnu Kenneth Cutajar sabiex jaghmilha minn floku jew rapprezentant tieghu fil-hanut L'Aragosta, minghajr permess ta' l-awtorita` kompetenti, u dan bi ksur tar-regolament 21 tan-Notifikazzjoni tal-Gvern 393/1929; u aktar (**3**) talli sar recidiv b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali tad-9 ta' Dicembru 2005 u sentenzi ohra li nghataw mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fis-17 ta' Novembru 2005;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tat-3 ta' Marzu 2009 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Emanuel Cutajar hati skond it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet u kkundannatu ammenda ta' tlett mitt ewro (€300), izda lliberatu mill-ewwel imputazzjoni;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali, minnu pprezentat fis-27 ta' Marzu 2009 li permezz tieghu huwa talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza fis-sens illi l-appellat jinstab hati wkoll skond l-ewwel imputazzjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-aggravju tal-appellant Avukat Generali jikkonsisti, in sustanza, filli galadarba l-*licensee* kien l-appellat Emanuel Cutajar, hu kien responsabbli biex jassigura li jigu osservati l-kundizzjonijiet kollha tal-licenzja, fosthom dik li l-imwejjed barra l-hanut jitpoggew fl-ispazju allokat (kif jidher fuq id-dokument a fol. 7) u mhux band'ohra. Jirrizulta bhala fatt li f'xi hin – periodu qasir ta' hin – kien hemm imwejjed tal-istabbiliment in kwistjoni fuq in-naha l-ohra tat-triq (cioe` fuq dak li jissejjah il-*promenade*), u dan, ghalhekk, bi ksur tar-regolament 15(1)(2) tar-Regolamenti dwar Attivitajiet Turistici (Disposizzjonijiet Generali) (A.L. 128/2002, L.S. 409.08). Issa, l-ewwel qorti lliberat lill-appellat mill-ewwel imputazzjoni ghax, fi kliem l-istess sentenza appellata:

*"…jidher illi Emanuel Cutajar bhala l-licensee kien ivverifika illi kien hemm ottemperanza* [ghal dak li jirrigwarda fejn kienu s-siggijiet] *sa ftit hin qabel ma saret spezzjoni u ghalhekk il-Qorti ma ssib l-ebda nuqqas da parti tal-imputat peress illi kien ibnu Kenneth Cutajar li hareg l-imwejjed u s-siggijiet ftit wara u fil-fatt nehhihom meta kellmuh il-Pulizija."*

Din il-Qorti, pero`, ma tistax taqbel ma' dan ir-ragunament. Irrizulta li Kenneth Cutajar kien qed jaghmilha ta' *substitute* minghajr id-debita licenzja. L-appellat, fid-deposizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti, jammetti li meta kien jillarga kien "jiehu hsieb" dan ibnu – "X'hin ma kontx inkun hemm jien kien forsi jkun hemm hu"[1]. Issa, r-reat ipotizzat fl-ewwel imputazzjoni jigi kommess kull meta, min ikollu licenzja "jonqos li jhares xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, jew xi kundizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni ohra li ghaliha tkun suggetta l-licenzja" – Art. 43(1)(b), Kap. 409. Wahda minn dawn il-kundizzjonijiet kienet li "The licensee abides with the provisions of the laws and regulations of the Malta Tourism Authority, the Malta Resources Authority as well as with other relevant laws and regulations currently in force in Malta." – ara d-dokumenti a fol. 10 u 11. Wiehed minn dawn ir-regolamenti huwa proprju r-regolament 15 tal-A.L. 128/02 dwar fejn jistghu jew ma jistghux jitqieghdu mwejjed fuq barra l-istabbilimenti turistici. L-Artikolu 43(1)(b) jimponi responsabbilta` penali personali fuq il-*licensee*. Biex l-appellat, bhala l-*licensee*, ikun jista' jezimi ruhhu mir-responsabbilta` u ghalhekk ma jkunx hati skond l-Artikolu 43(1)(b) jrid jipprova, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, li (1) kellu *substitute* regolarment licenzjat (li f'dan il-kaz ma kienx hemm) u (2) li huwa ta struzzjonijiet cari lil dan is-*substitute* dwar il-kundizzjonijiet tal-licenzja li ghandhom jigu osservati, u li allura dawn, jew xi wahda jew aktar minnhom, ma gewx osservati proprju kontra l-ordni jew direttiva cara tieghu. Altrimenti, l-aktar haga facli ghall-*licensee* hi li jghid li hu ma kienx fuq il-post meta sehh in-nuqqas, jew li halla f'idejn is-*substitute*. Fil-kaz in dizamina, dan ma giex pruvat.

[1] Fol. 53.

Ghal dawn il-motivi, l-appell ta’ l-Avukat Generali jimmerita li jigi akkolt. Konsegwentement din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellat Emanuel Cutajar hati skond it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet kif ukoll in kwantu kkundannatu ammenda ta’ €300, thassarha u tirrevokha f’dik il-parti fejn illiberatu mill-ewwel imputazzjoni u minflok, wara li rat l-Artikolu 43(1)(b) tal-Kap. 409 u r-regolament 15(1)(2) tal-A.L. 128/02, issibu hati wkoll skond l-ewwel imputazzjoni u tikkundannah multa ta’ elf u mitejn ewro (€1,200), konvertibbli fi tlett xhur prigunerija f’kaz ta’ nuqqas ta’ pagament skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------